

32004R0907

L 163/50

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

30.4.2004

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 907/2004

tad-29 ta' April, 2004

li jemenda l-istandards ta' marketing li japplikaw għal ħxejjex friski f'dik li hi preżentazzjoni u tikkettjar

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u l-ħaxix ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2)

Billi:

(1) L-istandards dwar il-marketing tal-frott u l-ħaxix frisk stabbiliti skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 jippreskrivu provvedimenti dwar il-preżentazzjoni ta' prodotti fil-pakketti u jstipulaw li l-pakketti kollha għandu jkollhom tikketta bl-informazzjoni kollha meħtieġa dwar l-identita ta' min ippakkja jew ta' min ikun bagħathom, in-natura tal-prodott, l-orijini u l-ispeċifikazzjonijiet kummerċjali tiegħu.

(2) Hi Prattika komuni fis-settur li tikketti jitwāhlu individwalment fuq il-frott għal skopijiet ta' pubbliċita jew għal skopijiet oħra. L-iżvilupp ta' din il-prattika fil-każ ta' daww l-aktar delikati jagħmel neċessarju l-adozzjoni ta' regoli bil-għan li tiġi evitata ħsara minn dawn it-tikketti.

(3) Xejriet reċenti fis-settur tal-frott u l-ħaxix juru partikolarment il-preparazzjoni, aktar u aktar ta' spiss fl-istess reġjun tal-produzzjoni, ta' pakketti għall-bejgħ, kif imfisser fl-Anness IV, parti I, l-ewwel fil-lista tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1148/2001 tat-12 ta' Ġunju 2001 dwar kontrolli fuq konformita ma' l-istandards ta' marketing li japplikaw għal frott u ħaxix frisk ⁽²⁾. Ta' spiss, meta jiġri dan, l-oġġetti jintbagħtu fis-swieq li fihom jiġu kkonsmati f'pakkjar li jista' jerġa' jintuża fit-trasport.

(4) Biex din il-prattika tkun tista' tiġi kkonsiderata, u b'mod partikolari biex jiġu evitati riskji ta' konfużjoni meta tikketti ta' pakkjar li jista' jerġa' jintuża fit-trasport jinbidlu, pakkjar għat-trasport għandu jiġi eżentat mit-tikkettjar bl-informazzjoni meħtieġa minn standards ta' marketing, basta madankollu li l-pakkjar għall-bejgħ ikollu t-tikketta korretta u li tkun tidher.

(5) Barra dan, wieħed jista' wkoll jagħmel tikketti fuq pakkjar lest minn qabel, kif imfisser fl-Anness IV, punt 1, l-ewwel fil-lista tar-Regolament (KE) Nru 1148/2001, b'isem il-bejjiegħ minflok dak ta' dak li jkun ippakkja u/jew ta' min jibgħat, partikolarment biex ikun hemm qbil mal-provvedimenti li japplikaw għall-oġġetti kollha ta' ikel ippakkjat minn qabel kif imfisser bid-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fejn jirrigwardaw it-tikkettjar, il-preżentazzjoni u r-reklamar ta' oġġetti ta' l-ikel ⁽³⁾, basta li d-dettalji fuq l-ippakkjar preparat minn qabel juru biċ-ċar min ikun ippakkja u/jew min ikun bagħtu.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-frott u l-ħxejjex friski

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fit-titolu V (Provvedimenti dwar preżentazzjoni), punt B (Pakkjar), ta' l-Annessi tar-Regolamenti fl-Anness I tar-Regolament preżenti u fit-titolu V (Provvedimenti dwar preżentazzjoni), punt Ċ (Pakkjar), ta' l-Annessi tar-Regolamenti fl-Annessi II tar-Regolament preżenti, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Tikketti li jitwāhlu individwalment fuq il-prodott għandhom ikunu hekk li meta jitneħħew ma jħallux warajhom traċċi ta' kolla li jidhru u li dawn ma jwasslux għal difetti fil-ġilda”

Artikolu 2

Fl-aħħar tat-titolu VI (Provvedimenti dwar tikkettjar) ta' l-Annessi tar-Regolamenti fl-Annessi III tar-Regolament preżenti u fit-titolu VI (Provvedimenti dwar tikkettjar), fl-aħħar ta' l-ewwel fil-lista, ta' l-Annessi tar-Regolamenti fl-Annessi IV tar-Regolament preżenti, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“L-ippakkjar m'għandux għalfejn juri d-dettalji msemmija fl-ewwel subparagrafu, meta dan ikun jinkludi pakkjar lest għall-bejgħ, li jkun jidher biċ-ċar minn barra u li jkun fih dawn id-dettalji. Dan il-pakkjar m'għandux ikollu indikazzjonijiet li jistgħu iqarrqu. Meta dan l-ippakkjar ikun imqiegħed fuq pallets, id-dettalji għandhom jidhru permezz ta' avviż imqiegħed f'pożizzjoni ovvja fuq għall-inqas żewġ naħat tal-pallet.”

⁽¹⁾ ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 1. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 47/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 64.)

⁽²⁾ ĠU L 156, tat-13.6.2001, p. 9. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 408/2003 (ĠU L 62, tas-6.3.2003, p. 8.)

⁽³⁾ ĠU L 109, tas-6.5.2000, p. 29. Direttiva emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/89/KE (ĠU L 308, tal-25.11.2003, p. 15.)

Artikolu 3

Fit-titolu VI (Provvedimenti dwar tikkettjar), ta' l-Annessi tar-Regolamenti fl-Anness III u fit-titolu VI (Provvedimenti dwar tikkettjar), l-ewwel fil-lista, ta' l-Annessi tar-Regolamenti fl-Anness IV tar-regolament preżenti, il-punt A għandu jinbidel bit-test li ġej:

“A. Identifikazzjoni

L-isem u l-indirizz ta' min jippakkja u ta' min jibgħat. Dan id-dettall jista' jinbidel:

- fil-każ tal-pakkjar kollu ħlief pakkjar li jkun lest minn qabel, bil-marka ta' kowd maħruġa uffiċjalment u aċċettata li tirrappreżenta lil min ippakkja u/jew lil min ikun jibgħat, indikata f'konnessjoni mill-qrib bir-riferenza 'Min Ippakkja u/jew Min Qed Jibgħat' (jew abbrevjazzjonijiet li jfissru l-istess);

- fil-każ biss ta' pakkjar li jkun tlesta minn qabel, b'isem u l-indirizz ta' bejjiegħ stabbilit fil-Komunità indikat b'konnessjoni mill-qrib bid-dettall 'Ippakkjat għal:' jew b'xi dettall li jfisser l-istess. F'dan il-każ, it-tikkettjar għandu jinkludi wkoll xi kowd li jirrappreżenta lil min ippakkja u/jew lil min ikun qed jibgħat. Il-bejjiegħ irid jagħti l-informazzjoni kollha meqjusa bħala meħtieġa mill-korp ta' spezzjoni dwar it-tifsira ta' dan il-kowd”

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1292/81 ⁽¹⁾

L-Annessi I, II u IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1591/87 ⁽²⁾

L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1677/88 ⁽³⁾

L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 410/90 ⁽⁴⁾

L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 831/97 ⁽⁵⁾

L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1093/97 ⁽⁶⁾

L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2288/97 ⁽⁷⁾

L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 963/98 ⁽⁸⁾

L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1168/1999 ⁽⁹⁾

L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1455/1999 ⁽¹⁰⁾

L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2335/1999 ⁽¹¹⁾

L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2561/1999 ⁽¹²⁾

L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2789/1999 ⁽¹³⁾

L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 790/2000 ⁽¹⁴⁾

L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 851/2000 ⁽¹⁵⁾

L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 175/2001 ⁽¹⁶⁾

L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 912/2001 ⁽¹⁷⁾

L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1508/2001 ⁽¹⁸⁾

L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1543/2001 ⁽¹⁹⁾

L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1615/2001 ⁽²⁰⁾

L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1799/2001 ⁽²¹⁾

⁽¹⁾ ĠU L 129, tal-15.5.1981, p. 38. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1757/2003 (ĠU L 252, ta' 1-4.10.2003, p. 11.)

⁽²⁾ ĠU L 146, tas-6.6.1987, p. 36. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 46/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 61.)

⁽³⁾ ĠU L 156, tas-16.6.1988, p. 21. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 46/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 61.)

⁽⁴⁾ ĠU L 43, tas-17.2.1990, p. 22. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 46/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 61.)

⁽⁵⁾ ĠU L 119, tat-8.5.1997, p. 13. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 46/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 61.)

⁽⁶⁾ ĠU L 158, tas-17.6.1997, p. 21. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 46/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 61.)

⁽⁷⁾ ĠU L 315, tad-19.11.1997, p. 3. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 46/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 61.)

⁽⁸⁾ ĠU L 135, tat-8.5.1998, p. 18. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1466/2003 (ĠU L 210, ta' 1-20.8.2003, p. 6.)

⁽⁹⁾ ĠU L 141, ta' 1-4.6.1999, p. 5. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 46/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 61.)

⁽¹⁰⁾ ĠU L 167, tat-2.7.1999, p. 22. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 46/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 61.)

⁽¹¹⁾ ĠU L 281, ta' 1-4.11.1999, p. 11. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 582/2003 (ĠU L 83, ta' 1-1.4.2003, p. 37.)

⁽¹²⁾ ĠU L 31, ta' 1-4.12.1999, p. 7. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 46/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 61.)

⁽¹³⁾ ĠU L 336, tad-29.12.1999, p. 13. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 46/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 61.)

⁽¹⁴⁾ ĠU L 95, tal-15.4.2000, p. 24. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 46/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 61.)

⁽¹⁵⁾ ĠU L 103, tat-28.4.2000, p. 22. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 46/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 61.)

⁽¹⁶⁾ ĠU L 26, tas-27.1.2001, p. 24. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 80/2003 (ĠU L 13, tat-18.1.2003, p. 5.)

⁽¹⁷⁾ ĠU L 129, tal-11.5.2001, p. 4. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 46/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 61.)

⁽¹⁸⁾ ĠU L 200, tal-25.7.2001, p. 14. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1465/2003 (ĠU L 210, ta' 1-20.8.2003, p. 4.)

⁽¹⁹⁾ ĠU L 203, tat-28.7.2001, p. 9. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 46/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 61.)

⁽²⁰⁾ ĠU L 214, tat-8.8.2001, p. 21. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 46/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 61.)

⁽²¹⁾ ĠU L 244, ta' 1-14.9.2001, p. 12. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2173/2003 (ĠU L 326, tat-13.12.2003, p. 10.)

- L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2396/2001 ⁽¹⁾
- L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 843/2002 ⁽²⁾
- L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 982/2002 ⁽³⁾
- L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1284/2002 ⁽⁴⁾
- L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1466/2003 ⁽⁵⁾
- L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1757/2003 ⁽⁶⁾
- L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 85/2004 ⁽⁷⁾
- L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 86/2004 ⁽⁸⁾
- L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 214/2004 ⁽⁹⁾
-

⁽¹⁾ ĠU L 325, tat-8.12.2001, p. 11. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 46/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 61.)

⁽²⁾ ĠU L 134, tat-22.5.2002, p. 24. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 46/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 61.)

⁽³⁾ ĠU L 150, tat-8.6.2002, p. 45. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 46/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 61.)

⁽⁴⁾ ĠU L 187, tas-16.7.2002, p. 13. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 46/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 61.)

⁽⁵⁾ ĠU L 210, 20.08.03, p. 6.

⁽⁶⁾ ĠU L 252, 04.10.03, p. 11.

⁽⁷⁾ ĠU L 13, 20.01.04, p. 3.

⁽⁸⁾ ĠU L 13, 20.01.04, p. 19.

⁽⁹⁾ ĠU L 36, 07.02.04, p. 6.

L-ANNESS II

L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2213/83 ⁽¹⁾

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1591/87

L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 730/1999 ⁽²⁾

L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2377/1999 ⁽³⁾

⁽¹⁾ ĠU L 213, ta' l-4.8.1983, p. 13. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 46/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 61.)

⁽²⁾ ĠU L 93, tat-8.4.1999, p. 14. Regolament emendat bir-Regolament (KE) Nru 46/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 61.)

⁽³⁾ ĠU L 287, ta' l-10.11.1999, p. 6. Regolament emendat bir-Regolament (KE) Nru 46/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 61.)

L-ANNEX III

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1292/81	L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 851/2000
L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2213/83	L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 175/2001
L-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1591/87	L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 912/2001
L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1677/88	L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1508/2001
L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 410/90	L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1543/2001
L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 831/97	L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1615/2001
L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1093/97	L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1799/2001
L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2288/97	L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2396/2001
L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 963/98	L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 843/2002
L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1168/1999	L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 982/2002
L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1455/1999	L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1284/2002
L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2335/1999	L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1466/2003
L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2377/1999	L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1757/2003
L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2561/1999	L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 85/2004
L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2789/1999	L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 86/2004
L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 790/2000	L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 214/2004

L-ANNEX IV

L-Annessi I tar-Regolament (KE) Nru 1591/87
L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 730/1999
